MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1489/2003

**Peter Aquilina u martu Rita Aquilina**

**Vs**

**Jesmond Sammut**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-ammont ta’ tmien mija w erbatax-il lira Maltin u disgha w erbghin centezmu (Lm814.49c) oltre imghax u spejjez kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut li sostna:

a) Li kien hemm nuqqas ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal stante li minn imkien ma jirrizulta li l-konvenut gie kkundannat ihallas dak reklamat.

b) Fil-mertu l-konvenut sostna li dwar l-erba’ mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm435) dawn mhux dovuti

stante li jirrapprezentaw in-nofs li kellu jhallas l-istess attur dan kif espost fl-istess Avviz para. 7.

c) Li l-ammont ta’ wiehed u erbghin lira Maltin (Lm41) mhux dovut ghaliex il-Mandat inhareg minhabba nuqqas ta’ l-attur li jottempora ruhu ma’ l-ordni tal-Qorti.

d) L-ammont ta’ tlett mija u tmienja u tletin lira Maltin u disgha w erbghin centezmu (Lm338.49c) mhux dovut stante li d-decizjoni tal-Qorti tad-19 ta’ Gunju, 2001 hija cara.

e) In kwantu ghall-ispejjez ta’ l-Ittra Ufficjali dawn m’humiex dovuti stante li huma preskritti ai terminu ta’ l-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra li l-partijiet qablu li jinstemghu l-provi kollha u tinghata sentenza fuq kollox minghajr il-bzonn ta’ sentenza in parte dwar il-kompetenza.

Ra l-Affidavit tal-konvenut li qal li kien kjamat in kawza fil-kawza Cutajar Vs Aquilina et citazzjoni numru 775/94. F’dik il-kawza gie ddikjarat li hu kien solidalment responsabbli ghall-hlas tac-cens flimkien ma’ l-atturi f’dawk il-proceduri. Hu ghalhekk ghadda l-flus lil Dr Edwina Grima nee Chetcuti.

Fil-kawza fuq indikata l-Qorti ta’ l-Appell kienet iddecediet li l-ispejjez kellhom jithallsu nofs bejn il-konvenuti u l-kjamat in kawza. Ghalhekk il-konvenut jghid li s-sehem tieghu gie moghti lil Dr Edwina Grima nee Chetcuti.

Il-konvenut zied jghid li l-Kontro-Mandat sar minhabba nuqqas ta’ l-atturi u ghalhekk hu m’ghandux ibati l-ispejjez.

Dwar kompetenza ta’ dan it-Tribunal, il-konvenut jghid li t-Tribunal mhux kompetenti ghaliex minn imkien ma jirrizulta li l-konvenut gie kkundannat ihallas dak reklamat. Illi billi mhux necessarju li jkun hemm prova ta’ kundanna

ta’ hlas sabiex dan it-Tribunal jikkunsidra talba, din l-ewwel eccezzjoni hi michuda.

**Ikkunsidra**

Li skond is-Sentenza ta’ l-Appell tad-19 ta’ Gunju, 2001 gie ddikjarat li l-konvenut f’dawk il-proceduri kellu jhallas l-ammont tac-cens solidalment ma’ l-atturi f’dik il-kawza.

L-atturi jsostnu li ghalkemm iz-zewg partijiet gew iddikjarati responsabbli ghall-hlas tac-cens kien il-konvenut f’dawk il-proceduri li ma hallasx ic-cens meta skond il-kuntratt bejn l-atturi u l-konvenut, il-konvenut kellu l-obbligu li jhallas ic-cens.  L-atturi jghidu li ghalkemm il-konvenut kien beda proceduri biex il-kuntratt bejn l-atturi u l-konvenut jigi rexiss ma kienx hemm decizjoni f’dan is-sens mill-Qorti.  (Ara Dok. J esebit mill-atturi).

L-atturi jsostnu li ghalhekk legalment kien il-konvenut li kien tenut ihallas ic-cens wahdu u l-fatt li l-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza tad-19 ta’ Gunju, 2001 qalet li l-partijiet ghandhom ihallsu c-cens solidalment bejniethom kien biss minhabba l-fatt li fir-relazzjoni ma’ John Cutajar kienu l-atturi li kellhom ihallsu meta fil-fatt il-konvenut kien il-persuna li skond il-kuntratt tieghu ma’ l-atturi kellu jhallas ghal dawk is-snin.

Dan it-Tribunal jaqbel mas-sottomissjoni ta’ l-atturi li ghalkemm il-Qorti ta’ l-Appell ikkundannat lill-partijiet solidalment fil-fatt skond il-kuntratt (fir-relazzjoni bejn il-partijiet f’dik il-kawza) kien il-konvenut li kien responsabbli ghall-hlas.

Ghalhekk il-mitejn lira Maltin (Lm200) cens huma dovuti mill-konvenut lill-atturi.  Dan ghaliex fir-relazzjoni nterna bejn il-partijiet f’dawk il-proceduri kien il-konvenut li kien responsabbli ghal tali cens.

Dwar l-erbgha u sebghin lira Maltin (Lm74) imghax u mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm161) spejjez tal-kawza u tal-Mandat ta’ Sekwestru, fil-fatt l-atturi gew ikkundannati mill-Qorti biex ihallsu w allura kellhom ihallsu lil Cutajar.

Illi ghalhekk ma jistghux jitolbu rifuzjoni mill-konvenut. Kellhom ihallsu lil Cutajar imbaghad jiehdu proceduri kontra l-konvenut.  Ghalhekk it-talbiet ghal erbgha u sebghin lira Maltin (Lm74) u mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm161) huma michuda.  L-atturi gew ikkundannati jhallsu f'Gunju 2001 u kien biss wara s-Sekwestru li sar f'Novembru 2001 li hallsu.

Illi fl-ahhar l-atturi jitolbu tlett mija u tmienja u tletin lira Maltin u disgha w erbghin centezmu (Lm338.49c) spejjez tal-kawza Cutajar Vs Aquilina et. Hawnhekk ukoll it-Tribunal ma jaqbilx mas-sottomissjoni ta' l-atturi.  L-atturi kellhom relazzjoni diretta ma' Cutajar.  Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell gie deciz li:

"Ic-censwalisti (l-atturi) jibqghu responsabbli ghall-obbligazzjonijiet minnhom assunti proprju ghaliex l-akkwirent il-gdid la jkun ingieb a konoxxenza tad-direttarji u wisq inqas ikun gie minnu maghruf."

Illi ghalhekk l-atturi kellhom l-obbligu vis a vis Cutajar li jhallsu u se mai mbaghad jaghmlu kawza kontra l-konvenut.  Illi ghalhekk ma jistghux issa jitolbu l-ispejjez tal-kawza 775/94 liema kawza saret ukoll minhabba nuqqas taghhom.

Ghaldaqstant, jilqa' t-talba ta' l-atturi biss ghall-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) li huma dovuti lill-atturi bhala rifuzjoni tac-cens imhallas mill-atturi lil Cutajar.  L-ispejjez bin-nofs bejn il-partijiet.  Bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------